MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 29/2012

Appell **Numru: 29/2012**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Kevin J. Farrugia]**

**Vs**

**Jason Abela**

Illum, 6 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Jason Abela detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru 27776M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-21 ta' Frar, 2011 u fil-granet ta' qabel din id-data fi Triq Anton Buttigieg, Hamrun:

(1) ipparkja l-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni EAW-027 biex tbiegh il-haxix u l-frott f'anqas minn 50 metru il-boghod minn entratura ta' post kummercjali iehor u dan bi ksur ta' Sub. Legislation 441.07 Taqsima 1 30(2)(c)(ii) .

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Jannar, 2012 fejn il-Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuza skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 30(2)(c)(ii) tal- L.S. 441.07 u ghalhekk tikkundannah 120 Euro bhala multa.

Rat ir-rikors tal-appellant Jason Abela minnu pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara illi l-esponenti ma kienx hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontrih u b'dan il-mod tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoni u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Jason Abela:
Din il-vertenza tikkoncerna l-artikoli 29 u 30 ta' L.S. 441.07 dwar Licenzji tal-Kummerc.

Illi Fil-fatt dawn iz-zewg artikoli jinqraw kif gej:

> ***29.*** *Bejjiegħ fit-toroq jista' jiġġestixxi l-attività kummerċjali tiegħu minn kull imkien f 'kull triq, billi jbiegħ bl-imnut billi jipparkja l-vettura tiegħu skont ir-regolamenti tat-traffiku f'kull triq fejn huwa jieqaf biex ibiegħ sakemm iservi lill-konsumaturi tiegħu u wara li jservihom imur għall-post ieħor.*
>
> ***30.*** *(1) Bejgħ fit-toroq huwa soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:*
>
> > *(a) illi sakemm il-bejjiegħ fit-toroq jieqaf biex ibiegħ lillkonsumaturi tiegħu, ma jkun hemm l-ebda ingombru jew inkonvenjent li jiġi kaġunat għall-abitanti jew għal min ikun għaddej fit-triq;*

*(b) illi l-vettura tkun ipparkjata fi spazju permess u li ma jkun kaġunat ebda inkonvenjent għall-imxiegħa tattraffiku;*

*(ċ) illi meta bejjiegħ fit-*toroq *iwaqqaf il-vettura tiegħu biex ibiegħ lill-klijenti tiegħu, il-vettura ma għandhiex tkun ipparkjata matul distanza ta' mixi ta' inqas minn 50 metru mill-eqreb suq fil-beraħ;*

*(d) li fil-*Belt Valletta *il-bejgħ fit-toroq ta' ħaxix, ħobż, ħalib, fjuri, pitrolju u ċilindri tal-gass biss għandhom ikunu permessi;*

*(e) li l-ebda attività kummerċali minn bejjiegħa fit-*toroq *ma tista' issir fil-*Belt Valletta *fil-pjazza ta' Kastilja, fil-pjazza ta' San Ġorġ u fil-pjazza ta' San Ġwann u fiż-żona ta' Bieb il-Belt Valletta li tinkludi Misraħ il-Ħelsien inkluz il-loġġoġ, il-*fontana *u l-*venda *tal-karozzi tal-linja li tinkludi l-foss ta' San Ġakbu;*

*(f) li l-ebda attività kummerċjali minn bejjiegħa fit-*toroq *li joffru għal bejgħ prodott agrikolu m'għandha tkun permessa ħames mitt metru, jew inqas, bogħod minn ċentru tas-swieq ta' prodotti tal-*biedja jew minn Suq tal-Bdiewa.

*(2) Bejjiegħ fit-toroq jista' jiġġestixxi wkoll l-*attività *kummerċjali tiegħu minn post fiss billi jipparkja l-vettura tiegħu, sabiex ibiegħlill-konsumaturi tiegħu bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) li ma jkun hemm ebda ingombru jew inkonvenjent ikkaġunat lill-abitanti jew għal min ikun għaddej fit-*triq, *bl-użu ta' ġeneratur jew kull ħaġ'oħra;*

*(b) li jipparkja l-vettura tiegħu fi spazju permess għall-ipparkjar kif permess mir-regolamenti tat-traffiku;*

*(ċ) li l-post fejn jipparkja l-vettura tiegħu ma jkunx:*

*(i) matul distanza ta' mixi ta' inqas minn 50 metru mill-eqreb suq fil-beraħ;*

*(ii) matul distanza ta' miexi ta' inqas minn 50 metru mill-entratura ta' kull post kummerċjali:*

*Iżda għal dak l-għan, kjosk fiss għandu jitqies bħala post kummerċjali;*

*(d) li ma titqiegħed l-ebda ħaġa fuq il-bankina;*

*(e) li bejjiegħa fit-triq għandhom jipparkjaw il-vetturi tagħhom biex ibiegħu ta' lanqas 50 metru 'l bogħod minn xulxin. Iżda jekk il-Pulizija jew gwardjan huma msejjħa biex jiddeċiedu kwistjoni bejn bejjiegħa li huma viċin xulxin aktar minn 50 metru distanza ta' mixi, il-Pulizija jew gwardjan għandu jordna lill-bejjiegħ li jkun ċaqlaq l-aħħar il-vettura tiegħu ghal-spazju ta' parkeġġ alternattiv ta' lanqas 50 metru distanza ta' mixi 'l bogħod mill-bejjiegħ l-aktar viċin. Dik id-distanza bejn iż-żewġ bejjiegħa tista' tiġi ridotta biss skont ir-regolamenti maħruġa mill-Kunsill Lokali bl-approvazzjoni tal-Ministru:*

*Iżda din id-disposizzjoni ma għandhiex tapplika għall-bejjiegħa fit-toroq li jbiegħu fjuri u oġġetti simili fil-viċinanzi ta' ċimiterju;*

*(f) bejgħ minn post fiss fil-Belt Valletta huwa permess biss għall-bejgħ ta' ħaxix, ħobż, ħalib, fjuri, pitrolju u*

*ċilindri tal-gass;*

*(g) l-użu u l-provdiment ta' utilitajiet pubbliċi lillbejjiegħa fit-triq li jbiegħu minn post fiss skont dan irregolament, f'post pubbliku jew art pubblika għandu jkun projbit.*

Ghaldaqstant jirrizulta minn dawn l-artikoli illi jekk wiehed ikun qed iservi lill-konsumaturi u kif dan jaqdihom jitlaq bil-vann tieghu, huwa jkun jista` jiggestixxi l-attivita minn kull imkien f'kull triq u hawnhekk ghalhekk ma tapplikax il-kunidizzjoni tal-50 metru mill-eqreb post kummercjali u japplikaw l-artikolu 29 u 30(1), u ghalhekk id-distanza ta' 50 metru trid tinzamm biss 'mill-eqreb suq fil-berah'. Il-hanut Priya ma huwiex suq fil-berah.

L-artikolu 30(2) minn naha l-ohra jikkonempla sitwazzjoni differenti u cioe` meta bejjieh jopera minn post fiss u ghalhekk f'dan il-kaz kif jaqra dan l-artikolu l-bejjiegh jipparkja l-vettura tieghu u jrid jaghmel dan matul distanza ta' mixi ta' inqas minn 50 metru mill-entratura ta' kull post kummercjali. Fil-fatt tant dan l-artikolu japplika ghal sitwazzjonijiet differenti minn dak ta' qablu li l-artikolu jghid 'Bejjiegh fit-toroq jista` jiggestixxi wkoll l-attivita' kummercjali minn post fiss…'

Din il-kundizzjoni tal-50 metru minn kull post kummercjali ghalhekk tapplika biss fil-kaz meta l-bejjiegh ikun qed jopera minn post fiss u mhux meta l-bejjiegh ikun qed ibiegh mill-van tieghu u li jitlaq meta jitilqu n-nies.

Fl-ulmi opinjoni tal-esoponenti l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel din id-differenza u applikat il-kundizzjoni ghal kull bejjiegh tat-triq ghaliex fil-fatt fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti tghid illi l-artikolu 30(2) jimponi kunidizzjonijiet ohra ghall-artikolu 29 li mhux il-kaz kif spjegat hawn fuq.

Ma ngabet l-ebda prova li l-esponenti kien qed jopera minn post fiss. Il-Pulizija ma xehdux li per ezempju l-esponenti kellu xi tip ta' tinda jew xkafef fuq barra tal-vann. Huwa kien biss inizzel xi kaxxi mal-art ghaliex kien ikun aktar prattiku ghalih li jbiegh b'dan il-mod. Madanakollu huwa kien inizzel dawn il-kaxxi kif jasal fuq il-post u malajr jerga' jtellahom fil-kaxxa tal-vann meta ma jkollux nies u allura jitlaq minn fuq il-post.

L-esponenti fil-fatt produca l-licenzja ta' bejjiegh tat-toroq li kopja taghha giet pprezentata quddiem l-ewwel Qorti u spjega kif huwa jbiegh mill-kaxxa tat-trukk tieghu u meta ma jkollux in-nies jitlaq. Fil-fatt huwa kien ilu hafna jaghmel dan u qatt ma nhargulu charges qabel dan ghaliex kull darba li kienu jghaddu l-Pulizija huma kienu jsibulu n-nies u kienu javzawh li kif jitiluq n-nies huwa kellu jsuq. Fil-fatt huwa hekk kellu jaghmel.

Anke fl-affidavit taghhom il-Pulizija ma jixhdux dwar kundizzjonijiet li juru li l-esponenti kien qed ibiegh minn post fiss izda jghidu biss li kellu l-kannestri bil-haxix u l-frott u li ovvjament keinu mmarkati bil-prezzijiet. Huma lanqas ma jghidu li ma kellux nies fil-hin li kellmuh.

Ghaldaqstant l-esponenti japplika ghalih l-artikolu 29 u 30(1) li jghid li huwa bhala holder ta' licenzja ta' hawker jista` jibegh minn kullimkien f' kull triq. Artikolu 30(2) bil-kundizzjoni tal-50 metru minn post kummercjali ma japplikax f'dan il-kaz ghaliex il-kunidizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikaw ghal bejjiegha li jipparkjaw u jitilqu meta ma jkollhomx nies izda ghal bejjiegha li jbieghu minn post fiss u fil-fatt ghal dawn il-bejjiegh ma tapplikax il-kundizzjoni li jitilqu meta ma jkollomx nies izda tapplika l-kundizzjoni tal-50 metru minn kull post kummercjali li fl-umli opinjoni tal-espoenenti giet erronjament applikata ghal kaz odjern.

L-esponenti ghalhekk instab hati hazin bl-applikazzjoni tal-artikolu 30(2) li ma jghoddx ghalih.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Jason Abela ghandu licenzja ta' hawker però fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tal-elfejn u hdax (2011) fi Triq Anton Buttigieg, il-Hamrun dana kien wieqaf bit-trakk tieghu EAW 027 ibiegh il-frott u l-haxix f'anqas minn hamsin metru (50 m.) 'il boghod minn entratura ta' post kummercjali. Ghalhekk l-appellant gie mressaq il-Qorti u b'sentenza moghtija fl-ghoxrin (20) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) gie misjub hati u kkundannat multa ta' mija u ghoxrin ewro (€120). L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell u l-aggravju principali tieghu huwa ghall-fatt illi bhala

hawker jista’ jipparkja fejn irid fi kwalunkwe triq u dik ir-restrizzjoni ta’ hamsin metru (50 m.) ‘il boghod minn entratura ta’ post kummercjali ma tapplikax ghalih.

Ikkunsidrat:

Xehdu f’din il-kawza PC 1566 Johann Borg illi dan qal illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Frar tal-elfejn u hdax (2011) waqt ronda go Triq Anton Buttigieg ra vettura EAW 027 ipparkjat tajjeb armat bil-frott f’anqas minn hamsin metru (50 m.) ‘il boghod minn entratura ta’ post kummercjali iehor. Sakemm il-persuna responsabbli minn dan il-vann kien qed jaqdi n-nies il-pulizija ma kellmuhx ghad illi ndunaw illi kellu tilari bil-frott u haxix mal-art. Meta rega’ ghadda minn dan il-post sab illi l-vann kien ghadu ipparkjat fejn kien u nies ma kellux. Kien ghalhekk, allura, illi avvicina lill-appellant fejn qallu illi kien qieghed ipparkjat hazin u kontra l-ligi peress illi ma kienx qieghed josserva l-istipulazzjonijiet tar-regolamenti. Gie spjegat lilu illi bhala hawker seta’ jieqaf fejn irid fejn dan ikun permessibbli jaqdi lin-nies u jibqa’ sejjer izda mhux jibqa’ f’dak il-post di sentu. Irrizulta illi dina ma kinitx l-ewwel darba li l-pulizija sabu lill-appellant f’dan il-post minghajr ma jkollu n-nies u kienu digà kellmuh darb’ohra fis-sbatax (17) ta’ Frar tal-elfejn u hdax (2011) fejn gie avzat illi ma setax jarma f’dak il-post b’mod permanenti. Jidher illi l-appellant ghamel il-post tieghu u baqa’ hemmhekk bhala post fiss biex ibiegh il-merce tieghu ghan-nies li jinzertaw ikunu ghaddejjin mit-triq. Imbilli l-appellant ghandu l-permess ta’ hawker ma jfissirx illi dan jista’ jarma minn post fiss kif jippretendi illi qed jaghmel u ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li tiddisturba din il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------